

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/600**tal-11 ta' April 2019****li temenda d-Deċiżjoni 2011/163/UE dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u mid-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE**

(notifikata bid-dokument C(2019) 2831)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari r-raba' subparagrafu tal-Artikolu 29(1) tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit issottometta n-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Fit-22 ta' Marzu 2019, il-Kunsill Ewropew adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/476 ⁽²⁾ li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) tat-TUE bi qbil mar-Renju Unit. F'konformità ma' dik id-Deċiżjoni, f'każ li l-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jgix approvat mill-House of Commons sad-29 ta' Marzu 2019 l-aktar tard, il-perjodu previst fl-Artikolu 50(3) tat-TUE jgix estiż sat-12 ta' April 2019. Billi l-Ftehim dwar il-Ħruġ ma għex approvat sad-29 ta' Marzu 2019, id-dritt tal-Unjoni mhux se jibqa' japplika għar-Renju Unit u fih mit-13 ta' April 2019 ("id-data ta' ħruġ").
- (2) L-Artikolu 29 tad-Direttiva 96/23/KE jeħtieġ li l-pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati li jimportaw annimali u prodotti tal-annimali koperti minn dik id-Direttiva jissottomettu l-pjanijiet ta' monitoraġġ tar-residwi li jipprovdu l-garanziji meħtieġa ("il-pjanijiet"). Il-pjanijiet jenħtieġ li jkopru mill-inqas il-gruppi ta' residwi u sustanzi elenkati fl-Anness I ta' dik id-Direttiva.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE ⁽³⁾ tapprova l-pjanijiet sottomessi minn ċerti pajjiżi terzi dwar annimali u prodotti tal-annimali speċifiċi elenkati fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.
- (4) Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq issottometta lill-Kummissjoni l-pjanijiet tal-pajjiż u tad-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu dwar l-annimali bovini, l-annimali ovini/kapri, l-annimali porċini, l-annimali ekwini, it-tjur, l-akkwakultura, il-ħalib, il-bajd, il-fniek, it-tjur tal-kaċċa, it-tjur tal-kaċċa mrobbija fl-irziezet u l-għasel. Dawk il-pjanijiet jipprovdu biżżejjed garanziji u jenħtieġ li jgix approvati.
- (5) Għalhekk, sabiex jgix evitat tfixkil bla bżonn tal-kummerċ wara d-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u d-Dipendenzi tal-Kuruna tiegħu jenħtieġ li jgix inklużi fil-lista ta' pajjiżi terzi stabbiliti fid-Deċiżjoni 2011/163/UE li għalihom il-pjanijiet għew approvati. Għalhekk, jenħtieġ li l-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE jgix emendat skont dan.
- (6) Din id-Deċiżjoni jenħtieġ li tapplika mit-13 ta' April 2019, sakemm f'dik id-data d-dritt tal-Unjoni ma jibqax japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.
- (7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness tad-Deċiżjoni 2011/163/UE huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 125, 23.5.1996, p. 10.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2019/476 meħuda bi qbil mar-Renju Unit, tat-22 ta' Marzu 2019 li testendi l-perjodu taħt l-Artikolu 50(3) TUE (ĠUL 80 I, 22.3.2019, p. 1).⁽³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/163/UE tas-16 ta' Marzu 2011 dwar l-approvazzjoni tal-pjanijiet sottomessi mill-pajjiżi terzi skont l-Artikolu 29 tad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠUL 70, 17.3.2011, p. 40).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mit-13 ta' April 2019.

Madankollu, m'għandhiex tapplika jekk, f'dik id-data, id-dritt tal-Unjoni jibqa' japplika għar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u fih.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2019.

Għall-Kummissjoni
Jyrki KATAINEN
Vċi President
